IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.10.2013
COM(2013) 739 final

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2014

MT MT

## INTRODUZZJONI

Bdew jidhru sinjali ta' rkupru ekonomiku fl-Unjoni Ewropea wara ħames snin mill-kriżi finanzjarja globali. Dawn is-sinjali huma fraġili u għadhom mhumiex jinħassu minn dawk li sofrew l-aktar mill-kriżi, fosthom iż-żgħażagħ bla xogħol. Aħna rridu nibnu fuq il-progress li għamilna s'issa u nkomplu l-proċess ta' riforma fl-Istati Membri taħt l-akbar pressjoni. Madankollu, hemm indikazzjonijiet ċari li l-Ewropa qiegħda gradwalment issir aktar b'saħħitha u qawwija mill-kriżi bħala riżultat tar-riforma serja ekonomika, finanzjarja u fiskali u l-miżuri mmirati tajjeb fuq livell Ewropew u nazzjonali biex tingħata spinta lit-tkabbir u l-impjiegi.

Madankollu, m'hemm l-ebda lok għall-kompjaċenza. L-2014 trid tkun sena ta' twettiq u implimentazzjoni. Sena biex jitlesta x-xogħol fuq il-bosta proposti għat-tisħiħ tat-tkabbir pendenti fil-proċess leġiżlattiv u biex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni fuq il-post. Attenzjoni qawwija fuq ir-riżultati ħafna fix-xhur li ġejjin ser jassiguraw liċ-ċittadini u n-negozji Ewropej li jistgħu iħarsu 'l quddiem b'kunfidenza.

Il-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi se tibqa' fil-qalba tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2014. Dawn il-prijoritajiet se jixprunaw kemm l-analiżi tal-Kummissjoni tar-riformi meħtieġa f'livell nazzjonali — fejn l-isforzi għat-tiswija tal-finanzi pubbliċi, biex tirriforma l-istruttura tal-ekonomija u li tirrilaxxa l-investiment għat-titjib tal-iżvilupp għandhom ikomplu mingħajr xkiel — u l-inizjattivi proposti fil-livell Ewropew biex jappoġġjaw l-irkupru ekonomiku u jiġu indirizzati l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi.

L-aħħar ħames snin raw sforz miftiehem mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri biex jiġu ndirizzati l-kwistjonijiet ewlenin li qed tħabbat wiċċha magħhom l-Ewropa llum. Il-kisbiet ta' dan il-perjodu huma sinjifikanti: l-ewro ġiet imħarsa u mtejjba, u l-Unjoni Ewropea mgħammra b'sistema imtejjba ta' governanza ekonomika; ġiet imwaqqfa ġenerazzjoni ġdida ta' superviżjoni u regolazzjoni finanzjarja, tqiegħdu il-pedamenti tal-Unjoni Bankarja; sar aktar xogħol intensiv fuq is-suq uniku; u ntlaħaq ftehim politiku fuq il-baġit tal-UE- il-fond ewropew għat-tkabbir u l-investiment. Is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini kienet l-opportunità ta' riflessjoni fuq kif l-UE tgħin l-Ewropej fil-ħajja tagħhom ta' kuljum u involviet liċ-ċittadini f'djalogu dirett dwar il-futur tal-UE. L-UE ripetutament wriet lilha nnifisha bħala attur ewlieni fl-indirizzar tal-kwistjonijiet globali ta' llum.

Madankollu, l-isfidi li għad fadal huma kbar ħafna. Ir-rati tal-qgħad, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ, jibqgħu f'livelli li huma ekonomikament u soċjalment intollerabbli. In-negozji ż-żgħar — il-forza vitali tal-ekonomija Ewropea — jkomplu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiksbu l-finanzjament meħtieġ biex jikbru u joħolqu l-impjiegi. U filwaqt li l-progress sar, l-Ewropa għadha ma kisbitx l-ambizzjonijiet tagħha dwar is-suq uniku, b'mod partikolari fl-oqsma ewlenin bħal l-ekonomija diġitali, l-enerġija u s-servizzi.

Iżda l-isfidi tagħna jmorru wkoll lil hinn mill-ekonomija. L-azzjoni tal-UE hija meħtieġa biex tħares il-valuri u tippromwovi d-drittijiet taċ-ċittadini; mill-ħarisen tal-konsumaturi sad-drittijiet tax-xogħol, mill-ugwaljanza għar-rispett tal-minoranzi, mill-istandards għall-ambjent sal-ħarsien tad-dejta u l-privatezza. Irridu nużaw is-solidarjetà u r-responsabbiltà biex naħdmu favur il-ġestjoni meħtieġa tal-fruntieri tal-Ewropa u niżguraw il-ħarsien ta' dawk fil-bżonn. U l-esperjenza kkonfermat l-utilità tal-irwol tal-Kummissjoni f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm riskju serju, sistemiku għall-istat tad-dritt.

Fl-istess ħin, għandna bżonn nindirizzaw l-isfidi strutturali — u l-opportunitajiet — bħal pereżempju l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, l-adattament għat-tixjieħ demografiku, l-assigurazzjoni li l-Ewropa għandha l-edukazzjoni u l-ħiliet meħtieġa, nibnu ekonomija aktar

effiċjenti fir-riżorsi, insibu sorsi ġodda ta' kompetittività u innovazzjoni fl-era tal-globalizzazzjoni, u nikkontribwixxu għall-istabbiltà fid-dinja aktar wiesgħa. Il-Kummissjoni se taħdem biex tiżgura li l-opportunitajiet uniċi mogħtija bis-saħħa tal-kooperazzjoni fuq livell Ewropew biex niffaċċaw sfidi komuni jiġu sfruttati bis-sħiħ fis-snin li ġejjin. U f'ħafna mill-każijiet, dawn huma sfidi globali, li għalihom l-UE trid tkun attur globali effikaċi.

Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni (PĦK) għall-2014 se jikkonċentra fuq it-tkomplija ta' dan ix-xogħol u biex iwassal riżultati tanġibbli għaċ-ċittadini tal-Ewropa. F'termini prattiċi, dan ifisser ħidma id f'id mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill biex titħaffef l-adozzjoni ta' proposti pendenti ewlenin, biex jiġi żgurat li programmi ġodda ta' finanzjament tal-UE qiegħdin jaħdmu u jaħdmu fil-ħin, u sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' u bejn l-Istati Membri biex titwassal l-istrateġija Ewropa 2020 permezz tas-Semestru Ewropew.

L-2014 se tara wkoll xogħol esploratorju f'għadd ta' oqsma sabiex jipprepara d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jmiss. Dan se jinkludi aktar elaborazzjoni fit-triq lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja profonda u ġenwina mibnija madwar l-erba' pilastri ta' unjoni ekonomika, fiskala, il-bankarja u politika. L-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li jmiss ser jipprovdu opportunità importanti għal dibattitu aktar wiesgħa dwar kif għandha tinbena Ewropa aktar magħquda, b'saħħitha u miftuħa.

## L-ISFIDI EWLENIN GĦALL-2014

Il-prijorità fil-bidu tal-2014 se tkun għal il-Parlament Ewropew u l-Kunsill biex jiffinalizzaw in-negozjati dwar serje ta' proposti eżistenti li għandhom il-potenzjal biex tingħata spinta għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib ma' dawn iż-żewġ istituzzjonijiet biex in-negozjati jiġu konklużi b'suċċess qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. L-Anness I jistabbilixxi lista ta' proposti li l-Kummissjoni tqis li huma ta' importanza ewlenija, u li huma avvanzati biżżejjed biex ikollhom ċans realistiku ta' adozzjoni fix-xhur li ġejjin. Dawn jinkludu proposti f'oqsma bħal unjoni bankarja, iż-żewġ Atti tas-Suq Uniku, il-mobbiltà tal-ħaddiema u l-aġenda diġitali.

Fl-istess ħin, l-UE diġà laħqet ftehim dwar programm sostanzjali tal-leġiżlazzjoni li issa jeħtieġ li jibda jitħaddem. Il-Kummissjoni se tkun qed taħdem ħafna biex tiżgura li l-benefiċċji jaslu għand iċ-ċittadini tal-UE malajr kemm jista' jkun. Se tkompli taħdem flimkien mal-Istati Membri biex tiżgura li r-regoli tal-UE jiġu implimentati u applikati kif suppost, u nfurzati b'mod rigoruż. Prijorità partikolari ser tkun il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi ta' investiment appoġġjati mill-Qafas Finanzjarju Multiannwali tal-UE. Bidu f'waqtu u bla xkiel tal-programmi tal-MFF għall-perjodu 2014-2020 se jipprovdi avvanz reali għall-ekonomija Ewropea. Biex dan iseħħ, jeħtieġ ftehim fuq il-qafas leġiżlattiv u l-istrutturi, l-proċeduri u l-programmi neċessarji mplimentati fil-livell nazzjonali li jibdew jiksbu proġetti mill-aktar fis possibbli.

Il-Kummissjoni fl-2014 se tkompli tmexxi 'l quddiem l-proċessi ewlenin li huma inkorporati bħala parti tal-mod kif l-UE issa taħdem. Dawn jinkludu:

- tippromwovi l-miri tal-Ewropa 2020 permezz tas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika;
- tikkonsolida l-progress li sar fil-governanza ekonomika;
- tħejji rapporti dwar il-progress fil-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;
- tmexxi l'quddiem il-pakkett annwali tat-tkabbir u l-Politika Ewropea tal-Viċinat.

Ser tibni wkoll fuq approċċi ġodda bħall-Valutazzjoni tal-Ġustizzja u tmexxi 'l quddiem inizjattivi simili għall-istrateġija tar-Roma.

Għanijiet ewlenin oħra li l-Kummissjoni se ssegwi jinkludu serje ta' negozjati internazzjonali ewlenin, mis-Sħubija tal-Kummerċ u l-Investiment Transatlantiku mal-Istati Uniti san-negozjati internazzjonali dwar il-klima. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkun lesta biex tilgħab il-parti sħiħa tagħha fl-indirizzar tal-iżvilupp u l-sfidi umanitarji u tipi oħra ta' kriżi.

Minbarra li tikkonsolida x-xogħol ippjanat, il-Kummissjoni qed taħdem fuq għadd limitat ta' inizjattivi ġodda biex jiġu ppreżentati fl-2014 (l-Anness II). Xi wħud minn dawn se jlestu l-ħidma prevista fil-programm ta' ħidma għall-2013, li espliċitament jinkludi inizjattivi li jistgħu jitressqu fl-ewwel parti tal-2014. Oħrajn joħorġu minn impenji internazzjonali jew huma r-riżultat taċ-ċikli annwali tal-politika. Bl-eċċezzjoni ta' obbligi legali, aġġornamenti tekniċi u urġenzi speċifiċi, il-Kummissjoni mhix se tressaq proposti leġiżlattivi oħra ġodda.

Minbarra dawn l-inizjattivi ġodda, il-Kummissjoni ser tħejji firxa wiesgħa ta' xogħol preparatorju u esploratorju biex titwitti t-triq għal uħud mid-deċiżjonijiet ewlenin li għandhom jittieħdu fis-snin li ġejjin. Dan se jinkludi valutazzjonijiet tal-impatt u konsultazzjonijiet pubbliċi mfassla biex jidentifikaw il-kwistjonijiet u l-għażliet ewlenin u biex teżamina l-impatti potenzjali tagħhom.

Parti importanti ta' din ir-riflessjoni hija ħarsa mill-ġdid lejn l-leġiżlazzjoni diġà fis-seħħ biex tiżgura li tkun "adattata għall-għan". Il-Komunikazzjoni riċenti tal-Kummissjoni[1] li tippreżenta r-riżultati tal-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolmentazzjoni (REFIT) jistabbilixxu programm wiesgħa ta' analiżi u ta' riforma leġiżlattiva. Din se tkun tema prinċipali għall-2014 (l-Anness III), filwaqt li l-Anness IV jniżżel il-proposti li għandhom jiġu rtirati.

Minbarra l-leġiżlazzjoni relatata mal-bidu tal-programmi tal-QFP għall-perjodu li jmiss u leġiżlazzjoni oħra li bħalissa qiegħda fl-aħħar stadju ta' adozzjoni (inklużi l-oġġetti fl-Anness I), l-Anness V jenfasizza għadd ta' punti leġislattivi importanti li se jibda jkollhom impatt matul l-2014.

## PRIJORITAJIET EWLENIN GĦALL-2014

### L-Unjoni Ekonomika u Monetarja

Bil-Latvja li dalwaqt issir it-18-il Membru taż-Żona tal-euro, il-Kummissjoni se tkompli taħdem fuq it-tisħiħ tal-governanza ekonomika u tlesti l-Unjoni Bankarja, skont il-Pjan ta' Azzjoni għal Unjoni Ekonomika u Monetarja profonda u ġenwina. Il-Komunikazzjoni riċenti tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-UEM enfasizzat l-importanza ta' UEM aktar magħquda għas-soċjetà Ewropea kollha. UEM imwaqqfa fin-nisġa demokratika tal-Ewropa hija l-aħjar mod ta' kif tinkiseb il-kunfidenza taċ-ċittadini; aktar riflessjonijiet dwar l-iżvilupp tal-UEM ikomplu fl-2014.

Fil-qafas tas-Semestru Ewropew, il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi se jissaħħu fl-2014 mat-tieni sena ta' implimentazzjoni tat- "tieni pakkett", li se jgħin biex jiżguraw li l-abbozzi

[1] L-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT): Riżultati u l-Passi li Jmiss, COM (2013) 685, 2.10.2013.

tal-baġits nazzjonali jkunu skont l-għanijiet fiskali taż-żona tal-euro. Bħal fis-snin preċedenti, il-Kummissjoni se tniedi s-semestru bl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir f'Novembru li ġej. Il-ġenerazzjoni li jmiss tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni se tkun immirata wkoll biex tappoġġja l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż partikolari.

Fir-rigward tas-settur bankarju u r-regolament finanzjarju, l-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u l-ftehim dwar il-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni huma prijoritajiet ewlenin għall-2014. Il-Kummissjoni se tkompli r-reviżjoni tar-regolament finanzjarju u s-superviżjoni f'xogħol f'oqsma bħar-riforma strutturali tal-banek, is-sistema bankarja "parallela" u l-finanzjament fit-tul. Sistema finanzjarja soda u l-implimentazzjoni tal-impenji tal-G20 kollha jibqgħu prerekwiżiti għall-irkupru sostenibbli u l-istabbiltà finanzjarja fit-tul.

Fil-kuntest tas-swieq tal-kreditu dojoq u mferrxa madwar l-UE, il-Kummissjoni se taħdem biex ittejjeb il-kapaċità tas-sistema finanzjarja biex tiffinanzja l-ekonomija reali u li żżid l-użu ta' strumenti finanzjarji biex ikabbru l-effett tal-ingranaġġ tal-baġit tal-UE. Se tkompli l-ħidma li tinsab għaddejja mal-Bank Ewropew tal-Investiment biex jiġi sostnut l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament bħala għodda essenzjali biex tirriġenera t-tkabbir. F'dawn l-oqsma kollha, l-appoġġ qawwi tal-Istati Membri se jkun kruċjali għas-suċċess.

Prijorità oħra hija li tiġi intensifikata l-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat, il-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa sforzi sabiex tiżgura pjattaforma fiskali soda u effiċjenti għall-finanzi pubbliċi, kif ukoll biex tesplora kif it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tat-taxxa tista' tappoġġja aħjar l-ekonomija tal-UE.

**Tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv**

Il-programmi l-ġodda tal-QFP huma mmirati lejn il-prijoritajiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 u jinkludu firxa wiesgħa ta' miżuri biex tingħata spinta lill-investiment, biex jippromwovu l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, biex jiġi żviluppat il-kapital uman u jiġu pprijoritizzati riformi b'impatt dirett fuq it-tkabbir u l-impjiegi. Bħalissa għaddejja ħidma sabiex jiġi żgurat illi l-programmi huma kompletament operattivi fl-2014. Din se tinkludi l-iffinalizzar tal-ftehimiet ġodda ta' sħubija u programmi korrispondenti tal-Fondi ta' Ewropej Strutturali u ta' Investiment biex jinkisbu riżultati tanġibbli u li jistgħu jiġu mkejla f'kull Stat Membru. L-adozzjoni tal-Pakkett ta' Investiment fl-Innovazzjoni ser tippermetti wkoll it-tnehdija ta' għadd ta' sħubijiet pubbliċi-privati f'setturi ewlenin. Il-Politika Agrikola Komuni riformata se tiġi mplimentata wkoll sabiex tiġġenera aktar impjiegi fiż-żoni rurali u biex jinbnew pedamenti sodi għal ekonomija ekoloġika..

It-tkabbir huwa fundamentali għall-ħolqien ta' aktar impjiegi u impjiegi aħjar u koeżjoni soċjali aktar b'saħħitha. Il-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żagħżagħ hija prijorità ewlenija: il-livelli għolja u inaċċettabbli tal-qgħad fost iż-żagħżagħ qed ikollhom konsegwenzi soċjali serji u jista' jkollhom implikazzjonijiet serji fit-tul għall-prospetti futuri ta' dawk konċernati u għad-dinamiżmu tal-ekonomija Ewropea. L-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-Garanzija liż-Żgħażagħ se tkun ta' importanza kbira biex tagħti bidu għall-ħolqien tal-impjiegi għaż-żgħażagħ u fit-titjib tat-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol. Huwa essenzjali li wieħed jinvesti fl-edukazzjoni u l-ħiliet u li tiżdied il-mobbiltà tax-xogħol, permezz ta' kooperazzjoni msaħħa bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjieg u t-tneħħija tal-ostakli mhux ġustifikati jew sproporzjonati għal aċċess u l-moviment ħieles ta' servizzi regolati u professjonali. L-isfruttament tal-potenzjal ta' setturi ewlenin tat-tkabbir, bħall-ekonomija ekoloġika, l-ICT u l-kura tas-saħħa u l-kura soċjali, għandhu jkun prijorità partikolari. Fl-aħħar nett, filwaqt li r-riformi fiskali u ekonomiċi qed jibdew jipproduċu riżultati pożittivi, l-

esklużjoni soċjali u l-inugwaljanza jibqgħu sfidi mportanti. Żieda fil-potenzjal tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment wkoll se tagħti kontribut kritiku għall-irkupru. Barra minn hekk, il-motivaturi għat-tisħiħ tal-edukazzjoni, it-taħriġ, il-ħiliet, l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali se jiġu msaħħa permezz tal-implimentazzjoni ta’ programmi tal-UE bħall-Erasmus + , il-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn.

Sabiex tibqa’ kompetittiva fid-dinja, l-UE għandha bżonn li tappoġġja l-investiment fl-innovazzjoni u r-riċerka permezz ta’ implimentazzjoni sħiħa tal-programm Orizzont 2020, tal-ħolqien ta' kundizzjonijiet tajba tas-suq u dawk ekonomiċi, u allinjament aħjar tal-isforzi nazzjonali. Ser issir analiżi sħiħa biex jiġu identifikati d-diffikultajiet u l-opportunitajiet biex tiggwida l-prijoritajiet futuri. Hemm bżonn ta’ politika industrijali moderna biex tappoġġja n-negozji b’mod effettiv u l-Kummissjoni se tirrifletti fuq prijoritajiet strateġiċi sabiex jiġu indirizzati l-isfidi attwali li tiffaċċja l-industrija, b’mod partikolari l-istandardizzazzjoni. L-aċċess għax-xogħol tas-sengħa, suq tal-enerġija integrat bis-sħiħ u aġenda tal-kummerċ attiva huma kollha oqsma fejn il-Kummissjoni qed taħdem biex tappoġġja t-tkabbir u tiżgura kundizzjonijiet ekwi ma’ kompetituri globali.

Dan kollu għandu jiġi appoġġjat minn suq uniku li jaħdem tajjeb u l-kompetizzjoni ġusta, amministrazzjoni pubblika effiċjenti u prevedibbli u regolamentazzjoni moderna. Dan huwa dover kruċjali għall-Kummissjoni. L-implimentazzjoni sħiħa tar-regoli tas-suq intern f’oqsma ewlenin bħas-servizzi u l-enerġija, u t-tlestija tal-aġġornar tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, se jkunu passi kbar lejn it-tlestija tas-suq uniku. L-adozzjoni ta’ miżuri ewlenin taħt l-Att dwar is-Suq Uniku II ukoll se tagħti spinta lis-setturi strateġiċi għall-ekonomija tal-UE u tneħħi l-ostakli f’oqsma bħall-investimenti transkonfinali. Il-Kummissjoni ser tkompli l-ħidma tagħha fuq statut għal soċjeta' Ewropea sabiex tassigura kundizzjonijiet ekwi għall-intrapriżi kollha.

Bħala parti mill-ħidma tal-Kummissjoni biex tagħti spinta lill-kompetittività fis-setturi kollha tal-politika, u partikolarment biex tassisti lill-SMEs, il-programm REFIT huwa ta’ importanza partikolari. Il-Kummissjoni eżaminat il-korp tal-liġi tal-UE u ppproponiet lista ta’ attivitajiet speċifiċi, reviżjonijiet leġiżlattivi, revoki u rtirar kif ukoll evalwazzjonijiet biex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni tal-UE tkun “adattat għall-għan tagħha”. Dan se jkun kontribut importanti fil-promozzjoni ta’ ambjent li jiffavorixxi n-negozju bl-issimplifikar tal-leġiżlazzjoni.

Suq uniku totalment integrat u interkonness li jkopri t-telekomunikazzjonijiet, l-enerġija u t-trasport jeħtieġ infrastruttura tan-netwerk affordjabbli, aċċessibbli, effiċjenti u sigur. Dan imbagħad jeħtieġ il-mobilizzazzjoni tal-investiment privat u pubbliku, qafas regolatorju ċar, l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-investiment fl-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp. L-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa se timmobilizza l-baġit tal-UE sabiex jiġi kkatalizzat l-investiment tas-settur privat fl-infrastruttura tan-netwerk strateġika. Il-Kummissjoni ser tkompli l-ħidma tagħha biex tippromwovi u tiżviluppa l-potenzjal tal-UE fit-turiżmu.

Barra minn hekk, l-isforzi biex tippromwovi l-użu mifrux ta’ servizzi diġitali u soluzzjonijiet transkonfinali interoperabbli se jixprunaw l-immodernizzar u t-trasformazzjoni ta’ amministrazzjonijiet pubbliċi, jistimulaw servizzi pubbliċi aktar miftuħa u effikaċi għan-negozju u ċ-ċittadini ndaqs. Settur pubbliku modern huwa parti essenzali mit-tweġiba tal-Ewropa għall-isfidi tas-seklu 21.

Il-konsumaturi kollha tal-enerġija għandu jkollhom aċċess għal suq tal-enerġija integrat bis-sħiħ sal-2014 u jkollhom il-garanzija addizzjonali ta' rabtiet ta' enerġija ma’ Stati Membri oħra. Għandha tingħata attenzjoni speċjali fuq is-suq tal-bejgħ tal-enerġija sabiex jiġi żgurat illi l-konsumaturi jisfruttaw bis-sħiħ il-benefiċċji tas-suq tal-enerġija intern. L-effiċjenza tal-

enerġija se tkun ukoll fuq quddiem nett tal-aġenda fl-2014 bil-għan li tittejjeb il-kompetittività u s-sostenibbiltà.

Dwar it-trasport, iċ-ċittadini għandhom igawdu minn netwerks aktar effiċjenti u jkunu jistgħu jaqilbu faċilment bejn il-mezzi differenti. L-adozzjoni ta' proposti f'oqsma bħall-ferroviji, l-ajruporti, l-immaniġġjar tat-traffiku tal-ajru u il-portijiet se jkunu qed jiftħu kemm opportunitajiet ġodda u jappoġġjaw infrastruttura aktar kompetittiva.

F'Settembru l-Kummissjoni ppreżentat proposta li wittiet it-triq lejn suq uniku fit-telekomunikazzjoni. L-adozzjoni ta' din il-proposta mil-leġiżlaturi tkun pass importanti lejn suq uniku dinamiku għat-telekomunikazzjonijiet sal-2015. Din il-proposta ser twaqqaf suq uniku diġitali, tagħti spinta lill-produttività u toffri lill-Ewropej aċċess għal provvista rikka ta' kontenut kull fejn ikunu onlajn, f'kull waqt u permezz ta' kwalunkwe apparat. Barra minn hekk, l-adozzjoni bikrija tal-proposti leġiżlattivi dwar is-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni, il-protezzjoni tad-dejta u aktar xogħol dwar il-modernizzazzjoni tal-proprjetà intellettwali huma komponenti vitali tal-aġenda diġitali.

Minn perspettiva strutturali, għad hemm potenzjal sinifikanti li għadu mhux sfruttat għall-ekonomija tal-UE biex issir aktar produttiva filwaqt li tuża inqas riżorsi. It-tnaqqis tal-impatti ħżiena fuq l-ambjent se jkun kritiku għal futur sostenibbli. Użu aktar effiċjenti tar-riżorsi jikkontribwixxi għat-tkabbir, għall-ħolqien tal-impjiegi u għat-titjib tal-kompetittività, b'mod partikolari t-tnaqqis tal-ispejjeż għall-impriżi, u jġib miegħu benefiċċji sinifikanti għas-saħħa u għall-ambjent, kontijiet orħos tal-enerġija, u opportunitajiet ġodda għall-innovazzjoni u l-investiment. Dan ukoll se jkun fil-qalba ta' kif għandha tiġi ndirizzata l-isfida tal-iskart fis-soċjetà tal-lum u kif jintużaw l-opportunitajiet ta' riċiklaġġ bis-sħiħ. Minbarra li hija fil-qalba tal-politika riformata tal-agrikoltura, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali tagħna hija ċentrali għar-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd, filwaqt li tipprovdi l-potenzjal għat-tkabbir ekonomiku, b'mod partikolari fiż-żoni kostali u madwar il-katina sħiħa tal-ekonomija tas-sajd.

Il-proposti għal qafas 2030 għall-klima u l-enerġija se jipprovdu l-qafas għal miżuri konkreti issa meħtieġa sabiex jinkiseb tnaqqis ambizzjuz u f'waqtu tal-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra filwaqt li jiġu żgurat illi l-provvisti tal-enerġija huma kemm sikuri u għal but ta' kulħadd. Tali qafas għandu wkoll jipprovdi iżjed ċertezza għall-investiment u jiftaħ opportunitajiet ġodda ta' xogħol. L-2014 se jitlob sforz kbir biex jissaħħaħ dan il-qafas u juri kif l-UE qed timxi 'l quddiem, qabel in-negozjati għal ftehim internazzjonali dwar il-klima fl-2015.

### Il-ġustizzja u s-sigurtà

L-UE għandha tħares liċ-ċittadini u tħares id-drittijiet tagħhom. Għal dan l-għan, l-applikazzjoni effettiva tar-regoli tal-UE u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali fl-oqsma tas-sigurtà u l-ġustizzja huma essenzjali.

Dan jinkludi għajnuna fil-ġlieda kontra l-kriminalità u l-korruzzjoni u t-theddida ta' terroriżmu, u li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali. It-traġedji rikorrenti fil-Mediterran, inkluż l-aħħar waħda f'Lampedusa, jkomplu jsaħħu il-ħtieġa għal azzjoni Ewropea, inkluż miżuri iktar b'saħħithom sabiex jiġi evitat it-telf ta' ħajjiet fuq il-baħar, li jsostnu lil dawk li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali, li jiżgura l-ħarsien tal-fruntieri tal-UE u mira ta' traffikanti tal-bnedmin, u jsaħħu l-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

L-UE għandha l-għan li tħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ikel u tal-prodotti. L-implimentazzjoni ta' regoli imtejjba dwar is-sigurtà tal-prodotti gżall-konsumaturi u dwar is-saħħa tal-bnedmin,

l-annimali u l-pjanti huma fatturi ewlenin sabiex jinkisbu l-kompettività, it-tkabbir u l-inpjiegi. Ser tingħata attenzjoni wkoll fuq il- protezzjoni ta' infrastrutturi kritiki u l-promozzjoni tal-prevenzjoni u t-tħejjija kontra – kif ukoll rispons effiċjenti għad- – diżastri. Dan ifisser li jrid jiġi żgurat illi l-enerġija nukleari tiġi wżata skont l-għola standards ta' sikurezza u sigurtà

Sistemi ġudizzjarji effettivi, ambjent sikur u azzjoni ċara kontra l-frodi kollha jgħinu lill-ekonomija, kif ukoll il-politiki li b'suċċess jixprunaw il-kunfidenza u s-saħħa tal-konsumaturi. Jekk il-poplu u l-intrapriżi għandhom jisfruttaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom, għandhom bżonn aċċess faċli għall-ġustizzja, b'kundizzjonijiet ekwi fil-pajjiżi kollha, b'mod partikolari fil-każ ta' tilwim transkonfinali. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, (EPPO), fuq proposta tal-Kummissjoni, ser joffri wkoll prosekuzzjoni aktar effettiva tar-reati kontra l-interessi finanzjarji tal-UE. Il-Kummissjoni qed tipprevedi aktar titjib sistemiku fir-Regolament OLAF, li huma ispirati minn dawk is-salvagwardji proċedurali fil-proposta tal-Kummissjoni dwar l-EPPO li jistgħu japplikaw għall-investigazzjonijiet amministrattivi tal-OLAF u promulgati anke qabel it-twaqqif tal-EPPO.

Bit-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni kif stabbilit fit-Trattat ta' Liżbona fl-2014, il-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali se tkun integrata bis-sħiħ fis-sistema ġudizzjarja tal-UE.  Il-Kummissjoni ser turi kif, skont il-fehma tagħha għandhom jevolvu u jidħlu aktar fil-fond il-politiki tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni hekk kif jiġi fi tmiemu il-programm ta' Stokkolma.

L-Unjoni Ewropea hija mibnija fuq ċerti valuri fundamentali ewlenin. L-Unjoni Ewropea tistrieħ fuq l-istat tad-dritt, u l-Kummissjoni ġiet imsejjħa tintervjeni meta l-istat tad-dritt jkun qed jiġi sfidat fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni ser tipproponi qafas li jippermetti għal rispons konsistenti għal dawn is-sitwazzjonijiet, ibbażati fuq l-oġġettività u l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn l-Istati Membri. Dan il-qafas jiġi mħaddem biss f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm riskju serju u sistemiku għall-istat tad-dritt, u attivat permezz ta' parametri referenzjarji mfissra minn qabel.

## L-azzjoni esterna

UE magħquda tfisser attur globali aktar effiċjenti. L-aġenda tat-tkabbir tal-UE tgħin biex tikkonsolida l-paċi u l-istabbiltà mal-fruntieri tagħna u tippromwovi il-valuri fundamentali tagħna u d-demokrazija. Wara l-adeżjoni tal-Kroazja, il-Kummissjoni qiegħda żżomm l-impenn tagħha mal-Balkani tal-Punent u mat-Turkija. Fl-irwol doppju tagħha, ir-Rappreżentant Għoli/Viċi-President ħadmet biex tiffaċilita avvanz importanti fir-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo. Il-Politika tal-Viċinat tagħna għandha l-istess għanijiet lil'hinn mill-fruntieri tagħna u ġewwa l-viċinat immedjat tagħna, fil-Lvant u n-Nofsinhar. F'dan il-kuntest hija ta' importanza partikolari l-iffirmar ta' ftehim mal-Ukraina, il-Moldova u l-Ġorġja fil-Lvant, kif ukoll l-appoġġ għall-proċess demokratiku ta' tranżizzjoni fin-Nofsinhar.

Il-kriżi kontinwa fis-Sirja reġgħet enfasizzat il-kontribuzzjoni kruċjali tal-UE biex jiġu affaċċjati l-kriżi u tkompli ssejjaħ għall-azzjoni tal-UE. Il-promozzjoni tal-paċi u tas-sigurtà hija l-pilastru ewlieni tal-azzjoni esterna tal-UE u l-isforzi tagħna ma jistgħux ikunu limitati biss għall-fruntieri tal-Ewropa. L-UE ser tkompli taħdem biex tippromwovi azzjoni għall-paċi u s-sigurtà fil-qafas ta' approċċ komprensiv, filwaqt li tiffoka fuq inizjattivi strateġiċi bħas-Sigurtà Marittima u ttejjeb l-istabbiltà f'partijiet oħra tad-dinja. L-użu tat-Taskforces biex jappoġġjaw it-tranzizzjonijiet demokratiċi ser jiġi estiz lil'hinn mill-viċinat tal-pajjiżi fin-nofsinhar tal-Ewropa għal pajjiżi bħal il-Mjanmar.

L-isfidi globali, inkluż il-promozzjoni tal-istabbiltà, l-iżvilupp sostenibbli u r-riformi politiċi jeħtieġu azzjoni magħquda biex jiġu mħarsa u promossi l-interessi u l-valuri tagħna. F'dan il-kuntest, ir-relazzjonijiet ekonomiċi esterni tagħna huma strument importanti biex insaħħu l-pożizzjoni tagħna fid-dinja. L-UE hija minn ta' quddiem fil-kummerċ dinji, bniet relazzjonijet sodi ma' numru ta' imsieħba strateġiċi ewlenin u għandha aġenda ta' negozju w kummerċ ambizzjuza, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' ftehim ġdid applikat u l-infurzar tar-regoli tal-kummerċ. Il-Kummissjoni ser iżomm l-istess ritmu ta' negozjati mal-imsieħba ewlenin. Ser tkompli taħdem ukoll lejn ftehim fl-okkażjoni tad-disa' Konferenza Ministerjali tal-WTO f'Diċembru li ġej dwar l-iffaċilitar tal-kummerċ u tagħti spinta ġdida lin-negozjati multilaterali. Għamlet proposta dwar il-protezzjoni konsulari li għandha ttejjeb l-assistenza liċ-ċittadini UE f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. L-UE għandha rwol vitali fil-governanza ekonomika u finanzjarja dinjija, u hija minn ta' quddiem fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Il-ġlieda globali kontra l-evażjoni tat-taxxa u s-segretezza bankarja hija minn ta' quddiem fuq l-aġenda tal-G20.

Kollettivament l-UE tibqa' l-akbar donatriċi ta' assistenza globali għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja fid-dinja. Il-Kummissjoni qiegħda tipprepara għas-Summit MDG/SDG, ftehim internazzjonali ġdid dwar il-klima u l-qafas post-Hyogo għall-immaniġġjar tar-riskju ta' diżastri - negozjati mportanti li jridu jiġu ppreparati matul l-2014. Se jkun importanti wkoll li ssir riflessjoni dwar il-futur tar-relazzjoni ACP-UE wara l-2020.

Meta l-UE taġixxi bħala ħaġa waħda, l-influwenza tagħha ssir amplifikata. Il-konsistenza bejn id-dimensjoni interna u esterna tal-politiki tal-UE hija l-fattur kruċjali għall-influwenza tal-UE. Il-ħidma għal suq uniku tad-difiża bl-għan li tiġi żviluppata bażi industrijali tad-difiża Ewropea ser ikolha rwol prinċipali, kif ukoll tagħti sehemha fit-tkabbir u l-impjiegi.